

32006R1630

1.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 302/43

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1630/2006**tal-31 ta' Ottubru 2006**

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/2002 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Iżvizzera, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 851/95

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE, l-Euratom dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha,

Billi:

- (1) Wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, il-Komunità u l-Iżvizzera qablu li jadottaw il-konċessjonijiet tariffarji stipolati fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli², minn hawn 'il quddiem il-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. Huma qablu, b'mod partikolari, li jemendaw l-Annessi 1 u 2 tal-Ftehim li jelenkaw il-konċessjonijiet, sabiex iwessgħu kwota tariffarja mingħajr dazju eżistenti tal-Komunità biex tkopri prodott ġdid, iċ-ċikwejra witloof tal-kodiċi NM 0705 21 00.
- (2) Sakemm issir l-emenda formali, il-Komunità u l-Iżvizzera qablu li jipprovdu għall-applikazzjoni tal-konċessjonijiet adattati, mill-1 ta' Mejju 2004, fuq bażi awtonoma u tranżitorja.
- (3) Biex ikun żgurat li l-benefiċċju tal-kwota għall-prodotti tal-kodiċi NM 0705 21 00 ikun disponibbli mill-1 ta' Mejju 2004, kwota tariffarja awtonoma tal-Komunità limitata għal dawk il-prodotti għal matul il-perjodu tranżitorju ġiet prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 7/2005 tat-13 ta' Diċembru 2004 li jadotta miżuri awtonomi u tranżitorji biex tinfetaħ kwota tariffarja tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Iżvizzera³.

¹ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.

² ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

³ ĠU L 4, 6.1.2005, p. 1.

- (4) L-Anness 2 tal-Ftehim, kif emendat mid-Deċiżjoni 3/2005 tal-Kumitat Konġunt għall-Agricoltura, stabbilit mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli tad-19 ta' Diċembru 2005 dwar l-adattament, wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, ta' l-Anness 1 u 2⁴, jistipola kwoti tariffarji estiżi biex ikopru l-prodotti tal-kodiċi NM 0705 21 00. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni korrispondenti.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/2002⁵ għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 7/2005 huwa rrevokat mill-1 ta' Settembru 2006 bir-Regolament (KE) Nru 1623/2006⁶. Għalhekk ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-istess data.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 933/2002 r-ringiela għall-ordni Nru 09.0925 tinbidel b'dan li ġej:

Numru ta' l-ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju	Volum annwali (piż f' tinnellati) nett
09.0925	0705 11 00 0705 19 00 0705 21 00 0705 29 00		Ħass (<i>Lactuca sativa</i>) u ċikwejra (<i>Cichorium</i> spp.), inkluż iċ-ċikwejra Witloof (<i>Cichorium intyus</i> var. <i>foliosum</i>), friska jew imkessa	B'xejn	3 000

⁴ ĠU L 346, 29.12.2005, p. 33.

⁵ ĠU L 144, 1.6.2002, p. 22.

⁶ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Għas-sena 2006, il-volum tal-kwota tariffarja tal-Komunità Nru 090925 għandha tiġi mnaqqsa bil-kwantità użata qabel id-data prevista fl-Artikolu 3, skond il-kwota tariffarja tal-Komunità Nru 090947 prevista fir-Regolament (KE) Nru 7/2005.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006.

Ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Laszlo KOVACS
Membru tal-Kummissjoni